

AZZJONI KONĠUNTA TAL-KUNSILL 2008/480/PESK**tat-23 ta' Ġunju 2008****li temenda u testendi l-Azzjoni Konġunta 2005/190/PESK dwar il-Missjoni Integrata ta' l-Unjoni Ewropea ta' l-Istat tad-Dritt għall-Iraq, EUJUST LEX**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

ADOTTA DIN L-AZZJONI KONĠUNTA:

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu,

Billi:

- (1) Fis-7 ta' Marzu 2005, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2005/190/PESK dwar il-Missjoni Integrata ta' l-Unjoni Ewropea ta' l-Istat tad-Dritt għall-Iraq, EUJUST LEX ⁽¹⁾.
- (2) Fl-14 ta' April 2008, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2008/304/PESK li temenda u testendi l-Azzjoni Konġunta 2005/190/PESK sat-30 ta' Ġunju 2008.
- (3) L-Azzjoni Konġunta 2005/190/PESK għandha tiġi estiża ulterjorment sat-30 ta' Ġunju 2009.
- (4) Għandu jiġi pprovdut ammont ġdid ta' referenza finanzjarju sabiex ikopri n-nefqa relatata mal-Missjoni għall-perijodu mill-1 ta' Lulju 2008 sat-30 ta' Ġunju 2009.
- (5) Il-mandat tal-Missjoni qed jitwettaq f'kuntast ta' sigurtà li jista' jiddeterjora u li jista' jimmina l-oġġettivi tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni kif iddefiniti fl-Artikolu 11 tat-Trattat,

Artikolu 1

L-Azzjoni Konġunta 2005/190/PESK hija b'dan emendata kif ġej:

- (1) Is-subparagrafu li ġej għandu jiżdied għall-Artikolu 11 (1):

"L-ammont ta' referenza finanzjarju maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-Missjoni għall-perijodu 1 ta' Lulju 2008 sat-30 ta' Ġunju 2009 għandu jkun ta' EUR 7,2 miljuni."

- (2) Fl-Artikolu 14 it-tieni subparagrafu għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Għandha tiskadi fit-30 ta' Ġunju 2009."

Artikolu 2

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tidħol fis-seħħ fid-data ta' l-adozzjoni tagħha.

Artikolu 3

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunità Ewropea*.

Magħmul fi Luxembourg, 23 ta' Ġunju 2008.

*Għall-Kunsill**Il-President*

I. JARC

⁽¹⁾ ĠU L 62, 9.3.2005, p. 37. L-Azzjoni Konġunta kif emenadata bl-Azzjoni Konġunta 2008/304/PESK (ĠU L 105, 15.4.2008, p.10).